

21999D1028(05)

L 277/46

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.10.1999

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 110/98

ta' l-1 ta' Diċembru 1998

## li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness IX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 74/98 tas-17 ta' Lulju 1998 <sup>(1)</sup>;

Billi d-Direttiva 98/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju li tememda l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 77/780/KEE dwar it-teħid u t-tkomplija tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-Artikoli 2, 5, 6, 7, 8, ta' u l-Annessi II u III għad-Direttiva tal-Kunsill 89/647/KEE dwar relazzjoni ta' xoljiment għal istituzzjonijiet ta' kreditu u l-Artikolu 2 ta' u l-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE dwar is-suffiċjenza tal-kapital ta' ditti ta' nvestment u istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(2)</sup> għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim;

Billi l-addattamenti għad-Direttiva tal-Kunsill 77/780/KEE magħmula mill-Kapitolu XI, B, II, punt 1 ta' l-Anness I għall-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea <sup>(3)</sup> għandhom jiġu nkorporati fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 15 (Direttiva tal-Kunsill 77/780/KEE) wara t-tieni inċiż (It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 89/646/KEE fl-Anness IX għall-Ftehim:

“- **1 94 N:** L-Att dwar il-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea (ĠU C 241, tad-29.8.1994, p. 21 kif aġġustat bil-ĠU L 1, ta' l-1.1.1995, p. 1).”

*Artikolu 2*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 15 (Direttiva tal-Kunsill 77/780/KEE), fil-punt 18 (Direttiva tal-Kunsill 89/647/KEE) u l-punt 30a (Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE) fl-Anness IX għall-Ftehim:

“- **398 L 0033:** Id-Direttiva 98/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 (ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 29).”

*Artikolu 3*

It-testi tad-Direttiva 98/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-addattamenti tad-Direttiva tal-Kunsill 77/780/KEE magħmulin mill-Kapitolu XI, B, III, punt 1 ta' l-Anness I għall-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 172, tat-8.7.1999, p. 53.

<sup>(2)</sup> ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 29.

<sup>(3)</sup> ĠU C 241, tad-29.8.1994, p. 21 kif aġġustat bi ĠU L 1, ta' l-1.1.1995, p. 1.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-2 ta' Diċembru 1998, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fl-1 ta' Diċembru 1998.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

N. v. LIECHTENSTEIN

---